Nru. 17,925
Prezz Lm1.28c
Price Lm1.28c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 23 ta' Mejju, 2006
Tuesday, 23rd May, 2006

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 448

PUBBLIKAZZJONI TA' ABBOZZ TA' LIĠI FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Abbozz ta' Liġi li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Abbozz ta' Liġi Nru. 70 imsejjaħ "Att ta' l-2006 dwar l-Adozzjoni ta' l-Euro".

It-23 ta' Mejju, 2006

Nru. 449

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nri. 17,922 u 17,923 tas-16 u tad-19 ta' Mejju, 2006 rispettivament.

A.L. Nru. 111 ta' l-2006: Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363); Regolamenti ta' l-2006 li jemendaw l-Għaxar Skeda li tinsab ma' l-Att dwar Kunsilli Lokali.

A.L. Nru. 112 ta' l-2006: Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* (Kap. 123); Regoli ta' l-2006 dwar Taxxa fuq it-Trasferimenti ta' Proprjetà.

A.L. Nru. 113 ta' l-2006: Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti (Kap. 364); Regoli ta' l-2006 li jemendaw ir-Regoli dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti.

It-23 ta' Mejju, 2006

GOVERNMENT NOTICES

No. 448

PUBLICATION OF BILL IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Bill is published in the Supplement to this Gazette:

Bill No. 70 entitled the "Euro Adoption Act, 2006".

23rd May, 2006

No. 449

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette Nos. 17,922 and 17,923 of the 16th and the 19th May, 2006 respectively.

L.N. No. 111 of 2006: Local Councils Act (Cap. 363); Local Councils Act (Amendment of Tenth Schedule) Regulations, 2006.

L.N. No. 112 of 2006: Income Tax Act (Cap. 123); Tax on Property Transfers Rules, 2006.

L.N. No. 113 of 2006: Duty on Documents and Transfers Act (Cap. 364); Duty on Documents and Transfers (Amendment) Rules, 2006.

23rd May, 2006

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 41

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-data u l-ħinijiet indikati.

Birkirkara

Nhar il-Ħadd, it-2 ta' Lulju, 2006 mill-5.00 p.m. sa l-10.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: il-Bwieraq, il-Fuħħarin, F.S. Caruana, Tal-Karmnu, il-Brared u A. Mallia.

Vetturi pparkjati fit-toroq imsemmija hawn fuq fil-ħin u dati msemmija, huwa pprojbit u għalhekk vetturi misjuba pparkjati hemm, jiġu rmunkati.

It-23 ta' Mejju, 2006

POLICE NOTICE

No. 41

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the date and times indicated.

Birkirkara

On Sunday, 2nd July, 2006 from 5.00 p.m. till 10.00 p.m. through the following streets: il-Bwieraq, il-Fuħħarin, F.S. Caruana, Tal-Karmnu, il-Brared and A. Mallia.

The parking of vehicles along the above mentioned streets is also prohibited and vehicles found parked there will be towed away.

23rd May, 2006

BORD TAL-KOPERATTIVI

(Att Nru. XXX ta' 1-2001 dwar Soċjetajiet Koperattivi)

Avviż ta' Emenda ta' Regola

Ordni Nru. 05

Ngħarrfu b'dan illi regoli numru 2 ta' "Transport Services for Disabled Persons Co-operative Limited" ġiet emendata. Din l-emenda ġiet reġistrata mill-Bord tal-Koperattivi fit-28 ta' April, 2006, skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 35 (1) ta' l-Att Nru. XXX ta' l-2001.

Is-Sur Mario Falzon
Chairperson
Uffiċċju Ċentrali tal-Koperattivi

It-28 ta' April, 2006
CB 34/79/94

CO-OPERATIVES BOARD

(Co-Operative Societies Act No. XXX of 2001)

Notice of Amendment of Rule

Order No. 05

It is hereby notified that rule number 2 of "Transport Services for Disabled Persons Co-operative Limited" has been amended. The Co-Operatives' Board has duly registered it on the 28th April 2006, in accordance with the provisions of section 35 (1) of Act No. XXX of 2001.

Mr Mario Falzon
Chairperson
Central Office of Co-operatives

28th April, 2006

BORD TAL-KOPERATTIVI

(Att Nru. XXX ta' 1-2001 dwar Soċjetajiet Koperattivi)

Statut Emendat

Ordni Nru. 6

Ngħarrfu b'dan illi l-istatut tal-"ASC - Archaeology Services Co-operative Limited" ġie aġġornat u konformi mal-liġi tal-koperattivi, Att Numru XXX ta' l-2001.

Il-Bord tal-Koperattivi approva dan l-istatut fit-28 ta' April 2006.

CO-OPERATIVES BOARD

(Co-Operative Societies Act No. XXX of 2001)

Amended Statute

Order No. 6

It is hereby notified that the statute of "ASC - Archaeology Services Co-operative Limited" has been updated and is in conformity with the co-operatives' law, Act Number XXX of 2001.

The Co-operatives Board has approved the statute on the 28th April 2006.

Is-Sur Mario Falzon
Chairperson
Bord tal-Koperattivi

It-28 ta' April, 2006
CB 34/79/66

Mr Mario Falzon
Chairperson
Co-operatives Board

28th April, 2006

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Post ta' *Chief Scientific Officer*
fis-Sezzjoni tal-*Plant Health*
fil-Ministeru ta' l-Affarijiet Rurali u l-Ambjent

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' *Chief Scientific Officer* fis-Sezzjoni tal-*Plant Health* fil-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent.

2. Is-salarju ta' *Chief Scientific Officer* huwa ta' Lm7,638 fis-sena, li jiżdied b'Lm275 fis-sena sa massimu ta' Lm9,288 (Skala ta' Salarju 5).

3. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija fuq bażi *full-time* u taqa' taħt ir-regoli u r-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, b'mod ġenerali, kif ukoll fil-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, b'mod partikolari. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

4.1 Id-dmirijiet ta' persuna fil-grad ta' *Chief Scientific Officer* jinkludu li:

(a) tikkordina u tagħmel superviżjoni tal-programmi kollha ta' xjenza u riċerka u attivitajiet ta' konsulenza relatati mad-Dipartiment/Sezzjoni li jiġu assenjati lilha;

(b) tipprovdi direzzjoni strateġika fix-xogħol kollu tax-xjenzi u riċerka;

(ċ) tidentifika problemi xjentifiċi, tekniċi u problemi oħra li għandhom x'jaqsmu mad-Dipartiment/Sezzjoni tagħha;

(d) tmexxi lill-*Principal Scientific Officers* u ħaddiema oħra xjentifiċi li jaħdmu fid-Dipartiment/Sezzjoni tagħha billi tara li jsir żvilupp relevanti fid-Dipartiment/Sezzjoni u teżamina rapporti ppreparati mill-*istaff*;

(e) tikkordina u tipprepara rapporti biex jiġu identifikati kwistjonijiet, problemi, bżonnijiet mhux milħuqa u nuqqasijiet ta' kif wieħed jaħdem; u tirrakkomanda inizzjattivi u emendi għal proċeduri u programmi kif meħtieġ;

(f) tassigura li jinzammu *records* neċessarji u dokumenti relatati mad-Dipartiment/Sezzjoni tagħha.

4.2 Lista kompleta tad-dmirijiet li huma konnessi ma' dan il-post tista' tinkiseb mingħand id-Direttur (Servizzi Korporattivi), Taqsima tar-Riżorsi Umani, Ministeru għall-Affarjiet Rurali u l-Ambjent, 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Post of Chief Scientific Officer
in the Plant Health Section,
Ministry for Rural Affairs and the Environment

The Public Service Commission invites applications for the post of Chief Scientific Officer in the Plant Health Section, Ministry for Rural Affairs and the Environment.

2. The salary for the post of Chief Scientific Officer is Lm7,638 per annum rising by annual increments of Lm275 up to a maximum of Lm9,288 (Salary Scale 5).

3. The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full-time basis and is subject to the rules and regulations governing from time to time the Malta Public Service in general and the Ministry for Rural Affairs and the Environment in particular, and involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

4.1 The duties of a Chief Scientific Officer include:

(a) coordinating and supervising all science and research programmes and related advisory activities relevant to the Department/Section he/she will be assigned to;

(b) providing strategic direction in all scientific and research work;

(c) identifying scientific, technical and other problems associated with his/her Department/Section;

(d) managing the Principal Scientific Officers and other scientific staff working within his/her Department/Section by closely following relevant developments within the work of the Department/Section and reviewing reports prepared by the staff;

(e) coordinating and preparing reports identifying issues, problems, unmet needs and operational gaps, and recommending initiatives and amendments to procedures and programmes as required;

(f) ensuring the keeping of necessary records and documents relating to his/her Department/Section.

4.2 The position description of the post of Chief Scientific Officer is available at the Department (Corporate Services), Ministry for Rural Affairs and the Environment, Human Resources Section, 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta.

5. L-applikanti għandhom ikunu:-

(a) (i) ċittadini ta' Malta;

jew

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

jew

(iii) ċittadini ta' pajjizi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjoniiet ta' l-UE);

jew

(iv) il-konjuġi u tfal, anke jekk huma ċittadini ta' pajjiz terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond legiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates*, Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern;

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija suġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

(b) kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u dik Ingliża;

(ċ) (i) uffiċjali pubbliċi bi grad sustantiv ta' *Principal Scientific Officer*;

jew

(ii) uffiċjali pubbliċi bi grad sustantiv ta' *Senior Scientific Officer* li għandhom kwalifika *post-graduate* xierqa;

jew

(iii) persuni li għandhom *post-graduate* ogħla xierqa (e.ż. Ph.D jew kwalifika oħra ekwivalenti).

(d) ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP47); filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew minn awtorità kompetenti oħra mhux aktar tard minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern ta' Malta qabel u jagħtu d-dettalji).

6.1 Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil

5. Applicants must be:-

(a) (i) citizens of Malta;

or

(ii) citizens of another European Union Member State;

or

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (In case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

or

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs;

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

(b) able to communicate in the Maltese and English languages;

(c) (i) public officers with a substantive grade of Principal Scientific Officer;

or

(ii) public officers with a substantive grade of Senior Scientific Officer in possession of an appropriate post-graduate qualification;

or

(iii) persons in possession of an appropriate higher post-graduate qualification (e.g. Ph.D. or equivalent);

(d) of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Malta Public Service must produce a certificate of conduct issued by the Police or another competent authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Malta Government Service, giving details).

6.1 Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable

raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413) anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbilità għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil minnaħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

6.2 Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma' jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbilità u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Dipartiment riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNPD.

7.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni; dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

7.2 Hija r-responsabbiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/Istituzzjonijiet terzjarji, li juru rapport ta' evalwazzjoni dwar il-komparabilità ta' kwalifiki maħruġ mill-*Malta Qualifications Recognition Information Centre* (MQRIC) fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impjieg. Kopja ta' din l-evalwazzjoni tal-MQRIC jew l-awtorità nominata f'każ ta' ħruġ ta' *warrants*, trid tintbagħat ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx dan ir-rapport, ikunu jistgħu japplikaw iżda jridu jibgħatu kopja tar-rapport lid-dipartiment riċeventi kif ikun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, aktar tard minn xahar mid-data ta' l-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

8.1 L-applikanti eliġibbli jkunu jridu joqogħdu għal intervista minn Bord ta' l-Għażla biex jiġi aċċertat min minnhom hu adatt għal dan il-post.

8.2 Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tar-riżultat.

9. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għal eżami mediku biex jiġi assigurat li hija adatta għal dan il-post.

10. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

jew jinkisbu mit-Taqsima tar-Riżorsi Umani tad-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta.

accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

6.2 Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Department and copied to the NCPD.

7.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

7.2 It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce an evaluation report on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Youth and Employment. A copy of the said report issued by the MQRIC, or the designated authority in case of warrants, should be attached to the application, with the original presented at the interview. Candidates not in possession of this report may still apply, provided that they submit a copy of the report to the receiving department as soon as it becomes available and in any case by not later than one month from the closing date of the call for applications.

8.1 Eligible applicants will be requested to attend for an interview by a Selection Board to assess their suitability for the post.

8.2 Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of the result.

9. The selected applicant will be medically examined to ascertain that he/she is fit for the post.

10. Application forms may be downloaded from the following websites:-

www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

or obtained from the Director (Corporate Services), Ministry for Rural Affairs and the Environment, Human Resources Section, 14, Triq M.A. Vassalli Street, Valletta.

11. L-applikazzjonijiet flimkien mal-*curriculum vitae* li juru l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu primarjament mid-Direttur (Servizzi Korporattivi), Taqsima tar-Riżorsi Umani, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta CMR 02, Malta, sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 16 ta' Ġunju 2006.

12. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 16 ta' Ġunju 2006, jiġu kkunsidrati, basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. Il-formola ta' l-applikazzjoni ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand id-Direttur (Servizzi Korporattivi), Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta CMR 02, Malta, sa mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Dipartiment riċeventi huwa +356 2123 5650.

13. (a) Tingħata riċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Dipartiment (Servizzi Korporattivi), Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Direttur (Servizzi Korporattivi), Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, jibgħat iriċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

It-23 ta' Mejju, 2006

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Ingaġġ fuq Kuntratt fil-Pożizzjonijiet ta' *Procurement Manager* fid-Dipartiment tal-Kuntratti, Ministeru tal-Finanzi

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjonijiet ta' *Procurement Manager* fid-Dipartiment tal-Kuntratti fil-Ministeru tal-Finanzi.

2.1 Il-persuna magħżula tkun mistennija li tidħol f'kuntratt għal tliet snin bħala *Procurement Manager* fil-Ministeru tal-Finanzi, liema kuntratt jista' jiġġedded għal perjodi oħra. F'każ ta' riżultati mhux sodisfaċenti bħala *Procurement Manager* matul il-perjodu tal-kuntratt, il-kuntratt jintemm.

2.2 Jekk persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku bi grad sustantiv fis-Servizz Pubbliku ta' Malta hija żżomm il-ħatra sustantiva tagħha waqt il-perjodu tal-kuntratt u terġa' lura għal din il-ħatra sustantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta

11. Applications, together with a curriculum vitae showing qualifications and experience, will be received in the first instance by the Director (Corporate Services), Ministry for Rural Affairs and the Environment, Human Resources Section, 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta, by not later than noon of Friday, 16th June 2006.

12. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon of Friday, 16th June 2006 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Department (Corporate Services), Ministry for Rural Affairs and the Environment, Human Resources Section, 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta, by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Department is +356 2123 5650.

13. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Director (Corporate Services), Ministry for Rural Affairs and the Environment, and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Director (Corporate Services), Ministry for Rural Affairs and the Environment within seven (7) days.

23rd May, 2006

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Engagement on Contract in the Positions of Procurement Manager in the Department of Contracts, Ministry of Finance

The Public Service Commission invites applications for the positions of Procurement Manager in the Department of Contracts, Ministry of Finance.

2.1 The selected candidates will be expected to enter into a three-year performance contract as Procurement Manager in the Ministry of Finance, which may be renewed for further periods. Unsatisfactory performance as Procurement Manager during the contract period will lead to termination of contract.

2.2 If a selected candidate is a Public Officer holding a substantive appointment in the Malta Public Service, he/she will retain his/her substantive grade during the contractual period and will revert to his/her substantive grade on the

meta jintemm il-kuntratt. Fil-każ li l-persuna magħżula ma tkunx Uffiċjal Pubbliku b'grad sustantiv fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, is-servizz tagħha mal-Ministeru tal-Finanzi kif ukoll mal-Gvern Malti jintemm f'każ li ma jiġix imġedded jew jintemm il-kuntratt.

2.3 Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku bi grad sustantiv fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u matul il-perjodu tal-kuntratt, tinħatar fi grad fi skala b'salarju ogħla minn Skala 7 tas-Servizz Pubbliku ta' Malta hija tkun meħtieġa li tirrinunzja d-doveri ta' *Procurement Manager* u tkun trasferita għad-doveri relatati mal-ħatra l-ġdida tagħha. Barra minn hekk, jekk is-salarju sustantiv tal-persuna magħżula jitla' għal aktar mill-massimu ta' Skala 7 tas-Servizz Pubbliku ta' Malta permezz ta' *progression*, hi titħalla tkompli l-perjodu ta' l-ingaġġ tagħha kif provdut bil-kuntratt li jkun effettiv dak iż-żmien, iżda mbagħad ma tiġix offruta tiġdid tal-kuntratt.

3.1 Persuna fil-pożizzjoni ta' *Procurement Manager* ikollha salarju ekwivalenti għal massimu ta' Skala 7 (bħalissa Lm8,081 fis-sena). F'każ li persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku b'grad sustantiv fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, id-differenza bejn is-salarju dovut għall-ħatra sustantiva tagħha u s-salarju dovut għal din il-pożizzjoni, titħallas bħala *non-pensionable allowance*.

3.2 Il-persuna magħżula tkun intitolata wkoll għall-*performance bonus* sa massimu ta' 10% tas-salarju bażiku tagħha marbut ma' xogħol sodisfaċenti.

4. Id-dmirijiet ta' persuna fil-pożizzjoni ta' *Procurement Manager* jinkludu, *inter alia*, li:

a) Tipprovdi assistenza lill-Aġenziji ta' Implimentazjoni u Awtoritajiet fil-proċess ta' *public procurement* u biex tipprepara *tender dossiers;*

b) Tagħmel skrutinju dettaljat ta' *tender dossiers* għall-kuntratti ta' provvisti, servizzi u xogħlijiet;

ċ) Tipprepara d-dokumenti kollha relatati għall-pubblikazzjoni u l-bidu tal-proċeduri ta' sejħa għall-offerti;

d) Tagħmel xi kjarifiki li jistgħu jinqalgħu waqt il-fażi ta' *tendering;*

e) Tara l-kompożizzjoni tal-kumitati ta' evalwazzjoni sottomessi mill-*Implementing Authorities;*

f) tattendi għas-sessjonijiet tal-ftuħ ta' sejħiet għal offerti u *fora* oħra sabiex tassigura li kull proċedura amministrattiva qed tiġi mħarsa;

g) Tara rapporti ta' evalwazzjoni relevanti kif meħtieġ;

h) Tipprepara kuntratti u dokumenti oħra relatati ma' sejħiet ta' offerti ta' provvisti, servizzi u xogħlijiet;

i) Tipprepara regolarment rapporti sabiex issir sorveljanza u nfurzar fuq xiri kurrenti;

j) Tagħmel xogħol fuq is-sistema PERSEUS;

termination of the contract. In the case of a selected candidate who is not a Public Officer holding a substantive grade in the Malta Public Service, his/her service with the Ministry of Finance as well as with the Maltese Government will be terminated in the event that the contract is not renewed or is terminated.

2.3 If a selected candidate is a Public Officer holding a substantive grade in the Malta Public Service and, during the contract period, is appointed to a grade with a higher salary scale than Scale 7 of the Malta Public Service, he/she will be required to relinquish the duties of Procurement Manager and be transferred to duties pertinent to his/her new substantive appointment. Moreover, if the substantive basic salary of a selected officer becomes higher than the maximum of Scale 7 of the Malta Public Service through progression, he/she will be allowed to complete his/her term of engagement as provided by the contract in force at the time, but he/she will not be offered subsequent renewal of the contract.

3.1 The salary attached to the position of Procurement Manager is equivalent to the maximum of Scale 7 (currently Lm8,081 per annum). In the case that a selected candidate is a Public Officer holding a substantive grade in the Malta Public Service, the difference between the salary to which he/she is entitled by virtue of his/her substantive appointment and the salary of the position will be paid as a non-pensionable allowance.

3.2 A selected candidate will also be entitled to a performance bonus of a maximum of 10% of his/her basic salary subject to positive performance.

4. The Procurement Manager will *inter alia* be required to:

a) Provide assistance to the Implementing Agencies and Authorities in the public procurement process, including the preparation of the tender dossiers;

b) Effect detailed vetting of Tender Dossiers for Supplies, Services or Works contracts;

c) Prepare all related documents for publication and launching of the tender procedures;

d) Answer any clarifications that may arise during the tendering phase;

e) Review the composition of the Evaluation Committees submitted by the Implementing Authorities;

f) Attend during Tender Opening Sessions and other pertinent for a in order to ensure that all the stipulated administrative regulations are adhered to;

g) Review relevant procurement Evaluation Reports as necessary;

h) Prepare contracts and other related documents for Supplies, Services or Works tenders;

i) Prepare regular status reports to enable the monitoring and enforcement of public procurement;

j) Carry out duties concerning PERSEUS;

k) Tipparteċipa f'kumitati ta' evalwazzjoni, tmexxija u sorveljanza;

l) Tipprepara *dossiers* li għandhom x'jaqsmu ma' każijiet li jinvolvu d-Dipartiment u tirrapreżenta lid-Dipartiment quddiem Bordijiet, tribunali u l-Qrati;

m) Tagħmel superviżjoni ta' *Final Beneficiaries* fejn jidħlu proġetti li qegħdin iseħħu biex jassigura li r-regolamenti qed jiġu mħarsa; u

n) Tagħmel xogħol amministrattiv kif meħtieġ, u tirrapreżenta lid-Dipartiment f'Malta u barra minn Malta kif meħtieġ.

5.1 L-applikanti għandhom ikunu:

a) (i) ċittadini ta' Malta;

jew

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

jew

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE);

jew

(iv) il-konjugi u tfal, anke jekk huma ċittadini ta' pajjiz terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond legiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates*, Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern;

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija suġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

b) kapaċi jikkomunikaw bil-Malti u bl-Ingliż;

ċ) (i) ikollhom *postgraduate degree* rikonoxxuta jew kwalifika xierqa komparabbli oħra fil-*Management, Accountancy,* Amministrazzjoni Pubblika, *Public Policy*, jew *Banking and Finance*, u sena esperjenza relevanti;

jew

(ii) ikollhom *first degree* rikonoxxuta jew kwalifika xierqa komparabbli oħra fil-*Management, Accountancy,* Amministrazzjoni Pubblika, *Public Policy,* jew *Banking and Finance,* u tliet snin esperjenza relevanti;

k) Participate in relevant evaluation committees, steering committees and monitoring committees;

l) Prepare dossiers concerning cases involving the Department and represent the Department in front of Boards, tribunals and Courts of Law;

m) Carry out supervision on Final Beneficiaries with respect to ongoing projects and ensure compliance with pertinent regulations;

n) Perform administrative duties as necessary and represent the Department in Malta and abroad as may be required.

5.1 Applicants must be:

a) (i) citizens of Malta;

or

(ii) citizens of another European Union Member State;

or

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (In case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

or

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs;

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

b) able to communicate in the Maltese and English languages;

c) (i) in possession of a recognised postgraduate degree or a recognised comparable qualification in Management, Accountancy, Public Administration, Public Policy or Banking and Finance, plus one year relevant experience;

or

(ii) in possession of a recognised first degree or a recognised comparable qualification in Management, Accountancy, Public Administration, Public Policy or Banking and Finance, plus three years relevant experience;

jew

(iii) ikunu Uffiċjali Pubbliċi bi grad sustantiv fi Skala ta' Salarju mhux inqas minn Skala 10 u jkollhom sitt snin esperjenza relevanti;

u

d) ta' karattru morali sod (applikanti li huma impjegati fis-Servizz Pubbliku ta' Malta għandhom jippreżentaw il-formola *(GP 47) Service and Leave Record*; waqt li applikanti li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta għandhom jippreżentaw ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew minn awtorità oħra kompetenti mhux aktar tard minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, kif ukoll jgħidu jekk qatt kinux jaħdmu mal-Gvern ta' Malta, u jagħtu d-dettalji).

5.2 Tingħata preferenza lil dawk l-applikanti li jkollhom għarfien jew esperjenza ppruvata, mhux neċessarjament kwalifika, f'affarijiet legali jew ta' kuntratti.

6.1 Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn tibdil raġonevoli skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità) (Kap. 413), ukoll jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbilità għall-pożizzjonijiet. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-pożizzjoniijiet fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-Management and Personnel Office u l-approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

6.2 Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbilità u għaliex huma misthoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Dipartiment riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNPD.

7.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni; dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

7.2 L-applikanti li għandhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet jew istituzzjonijiet barranin għandhom ir-responsabilità li jipproduċu rapport fuq il-komparabilità tal-kwalifiki maħruġ mill-*Malta Qualifications Recognition Information Centre* (MQRIC) fi ħdan il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impjieg. Kopja ta' dan ir-rapport maħruġ mill-MQRIC, jew mill-awtorità kkonċernata f'każ ta' *warrant*, għandha tiġi mehmuza ma' l-applikazzjoni. L-

or

(iii) Public Officers holding a substantive grade in a scale not below Salary Scale 10 plus six years relevant experience;

and

d) of a good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must provide a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Malta Public Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or a competent authority not earlier than six (6) months prior to the date of this call for applications and state whether they have been in Malta Government Service, giving details.

5.2 Preference will be given to applicants who have a legal background or proven experience in dealing with legal/contractual issues. However, they need not necessarily hold a legal qualification.

6.1 Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413) even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for these positions provided they can carry out, in essence, the duties related to the positions and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

6.2 Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Department and copied to the NCPD.

7.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with the applications; originals to be produced for verification at the interview).

7.2 It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce an evaluation report on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Youth and Employment. A copy of the said report issued by the MQRIC, or the designated authority in case of warrants, should be attached to the application, with the original presented at the

original irid jiġi ppreżentat waqt l-*interview*. Kandidati li m'għandhomx dan ir-rapport xorta waħda jistgħu japplikaw, sakemm jippreżentaw kopja tar-rapport lid-dipartiment ikkonċernat sa mhux aktar tard minn xahar mid-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet.

8.1 Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għal dawn il-pożizzjonijiet.

8.2 Ir-riżultat ta' l-intervisti jiġi ppubblikat mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u muri fin-*notice-boards* fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u fid-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi fil-Ministeru tal-Finanzi.

8.3 Jiġi ppubblikat avviż dwar ir-riżultat ta' l-intervisti kemm fil-Gazzetta tal-Gvern kif ukoll fil-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku li hija http://www.psc.gov.mt. Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

8.4 Petizzjonijiet dwar oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom isiru fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni ta' l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

9. Persuni magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi żgurat li huma adatti għal dawn il-pożizzjonijiet.

10. Malli jkunu ingaġġati, il-persuni magħżula jintrabtu bil-kundizzjonijiet kif hemm stipulat fil-kuntratt li japplika għal dawk li mhumiex Uffiċjali Pubbliċi jew kif hemm stipulat fil-kuntratt li japplika għal dawk li huma Uffiċjali Pubbliċi (skond kif applikabbli), liema kuntratti jidhru f'Appendiċi VIII u IX tal-*Public Service Management Code*. Wieħed jista' jara l-*Public Service Management Code* fuq il-*website* tal-*Management and Personnel Office* fl-indirizz: http://www.mpo.gov.mt.

11. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *Curriculum Vitae* li jindika l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Servizzi Korporattivi, Ministeru tal-Finanzi, Maison Demandols, Triq Nofsinhar, Valletta, CMR02 sa mhux aktar tard min-nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 16 ta' Ġunju 2006.

12. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn is-siti:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/default.asp
http://www.mpo.gov.mt/resourcing/downloads.htm

jew jinkisbu mingħand it-Taqsima ta' l-Impjegati, Ministeru tal-Finanzi, Maison Demandols, Triq Nofsinhar, Valletta CMR02.

interview. Candidates not in possession of this report may still apply, provided that they submit a copy of the report to the receiving department as soon as it becomes available and in any case by not later than one month from the closing date of the call for applications.

8.1 Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the positions.

8.2 The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-board of the Office of the Public Service Commission and that of the Department of Corporate Services, Ministry of Finance.

8.3 A notification of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the Public Service Commission where it may be accessed at http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organisations.

8.4 Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the notice in the Government Gazette.

9. Selected applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the position.

10. On engagement, selected applicants will be bound by the terms and conditions stipulated in the contracts for non-public/public officers, as applicable, included as Appendices VIII and IX respectively in the Public Service Management Code accessible from the Management and Personnel Office website at address:- http://www.mpo.go.mt

11. Applications together with a curriculum vitae showing qualifications and experience, will be received in the first instance by the Director Corporate Services, Ministry of Finance, Maison Demandols, South Street, Valletta CMR 02 by not later than noon of Friday, 16th June 2006.

12. Application forms may be downloaded from the following websites:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

or obtained from the Personnel Section, Department of Corporate Services, Ministry of Finance, Maison Demandols, South Street, Valletta CMR 02

13. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 16 ta' Ġunju 2006 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand id-Direttur Servizzi Korporattivi, Ministeru tal-Finanzi, fl-indirizz ta' hawn fuq sa mhux aktar tard minn ġimgħa mid-data ta' l-għeluq, flimkien ma' spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Dipartiment riċeventi huwa + 365 2125 1356.

14. (a) Tingħata rċevuta minnufih mid-Direttur Servizzi Korporattivi, Ministeru tal-Finanzi, għal kull applikazzjoni li titwassal bl-idejn lid-Dipartiment.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Tintbagħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet mid-Direttur Servizzi Korporattiivi, Ministeru tal-Finanzi.

It-23 ta' Mejju, 2006

13. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon of Friday, 16th June 2006 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Director Corporate Services, Ministry of Finance, Maison Demandols, South Street, Valletta CMR 02, by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the Director Corporate Services, Ministry of Finance, is +356 2125 1356.

14. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Director Corporate Services, Ministry of Finance, and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Director Corporate Services, Ministry of Finance, within seven (7) days.

23rd May, 2006

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Post ta' *Chairman* fid-Dipartiment tal-Patoloġija fid-Diviżjoni tas-Saħħa fil-Ministeru tas-Saħħa, Anzjani u Kura fil-Komunità

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet mingħand *medical practitioners* bi kwalifiki adatti u b'esperjenza għall-post ta' *Chairman* fid-Dipartiment tal-Patoloġija fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

2. Il-post ta' *Chairman* tad-Dipartiment tal-Patoloġija għandu salarju ta' Lm11,567 fis-sena (Skala ta' Salarju 3).

3.1. In-nomina ta' *Chairman* tad-Dipartiment tal-Patoloġija, li hi soġġetta għal żmien ta' prova ta' sena, hija fuq bażi ta' kuntratt ta' ħames snin u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u fid-Diviżjoni tas-Saħħa. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

3.2. Din in-nomina hi fuq bażi *full-time,* jiġifieri l-persuna nominata tkun suġġetta għal ġimgħa ta' erbgħin siegħa u wara tkun tista' tissejjaħ fuq bażi ta' *roster*.

3.3. Il-ħinijiet tax-xogħol tal-persuna nominata mhux bilfors ikunu limitati għal dmirijiet ta' filgħodu imma, skond l-esiġenzi tas-servizz, sessjonijiet ta' wara nofsinhar, jistgħu jsiru skond l-arranġamenti approvati mid-Diviżjoni tas-Saħħa.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Post of Chairman of the Department of Pathology in the Health Division within the Ministry of Health, the Elderly and Community Care

The Public Service Commission invites applications from suitably qualified and experienced medical practitioners for the post of Chairman of the Department of Pathology in the Health Division.

2. The post of Chairman of the Department of Pathology carries a salary of Lm11,567 per annum (Salary Scale 3).

3.1. The appointment of a Chairman of the Department of Pathology, which is subject to a probationary period of one year, shall be on the basis of a five-year contract and is subject to any rules and regulations governing from time to time the Malta Public Service and the Health Division. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

3.2. This appointment is on a full-time basis, i.e. the appointee will be conditioned to a forty-hour week and may be on call thereafter on a roster basis.

3.3. The working hours of the appointee shall not necessarily be limited to morning duties, but in accordance with the exigencies of the service, afternoon sessions have to be carried out as per arrangements approved by the Health Division.

3.4. Il-persuna nominata tkun intitolata għal benefiċċji u suġġetta għall-kundizzjonijiet li jkunu mniżżlin fi kwalunkwe ftehim relevanti bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

4. Il-persuna nominata titħalla teżerċita l-professjoni tagħha privatament kemm-il darba:-

a) dan isir strettament barra mill-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol; u

b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċjali tagħha jew l-esiġenzi tas-servizz.

5. Il-persuna nominata tkun taqa' direttament taħt min imexxi l-isptar u fl-aħħarnett taħt id-*Direttur* ta' l-*Institutional Health*.

6. Id-dmirijiet ta' persuna fil-grad ta' *Chairman* tad-Dipartment tal-Patoloġija jinkludu:

(i) Responsabblità għat-tmexxija u l-amministrazzjoni tad-Dipartiment tal-Patoloġija fis-Servizz tas-Saħħa. Minbarra li tipprovdi servizz fl-Isptar San Luqa, Guardamangia u fl-Isptar Ġenerali f'Għawdex hi trid tkun responsabbli wkoll għall-għotja ta' servizz ta' parir professjonali lill-isptarijiet kollha;

(ii) Arranġamenti tar-*rosters* tax-xogħol tat-tobba li jaħdmu fid-Dipartiment tal-Patoloġija. Hi tkun responsabbli ukoll għall-aspetti kliniċi tal-faċilitajiet tal-Patoloġija fiċ-Ċentri tas-Saħħa u għall-provvediment ta' l-istess faċilitajiet;

(iii) Responsabblità għad-dixxiplina u l-prattika fid-Dipartiment u trid tagħti kont dwar l-inforzar tad-dixxiplina ta' l-impjegati taħt il-kariga tagħha;

(iv) Responsabbiltà biex tassigura servizz patoloġiku komprensiv li jinkludi l-*areas* il-kbar tal-patoloġija u tas-*sub-specialities* tagħha kif ukoll biex tagħmel arranġamenti biex it-testijiet li ma jistgħux isiru fid-Dipartiment tal-Patoloġija jsiru barra minn Malta;

(v) Parir lid-Diviżjoni tas-Saħħa dwar żviluppi fil-Patoloġija, tħejji *policies* dwar id-dipartiment tagħha u taġġornahom kif jinħtieġ għall-approvazzjoni mill-awtoritajiet ta' l-isptar, u tassigura li l-*policies* approvati jiġu obduti;

(vi) Twaqqif ta' mekkaniżmu xieraq għall-assigurazzjoni ta' kwalità tas-servizzi u verifika medika;

(vii) Assigurazzjoni ta' l-ogħla kura possibbli għall-pazjenti b'attenzjoni speċjali biex din tingħata kif xieraq, fil-ħin u kontinwa (inkluż kontinwazzjoni permezz ta' testijiet tal-Patoloġija miżmuma tajjeb u li wieħed jista' jsegwihom bla tbatija, u permezz ta' ħruġ ta' rapporti fil-ħin);

3.4. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

4. The appointee will be allowed to undertake private practice of his/her profession provided that:

a) it is carried out strictly outside his/her official hours of work, and

b) it does not interfere or conflict with his/her official duties or with the exigencies of the service.

5. The appointee will be directly accountable to the hospital management and ultimately to the Director, Institutional Health.

6. The duties of the Chairman of the Department of Pathology include:-

(i) responsibility for the management and administration of the Department of Pathology within the Health Service. Apart from providing the service based at St. Luke's Hospital and Gozo General Hospital, he/she shall be responsible for providing consultancy service to all hospitals;

(ii) Arrangement of duty rosters for medical staff in the Pathology Department. He/She shall also be responsible for the clinical aspects of, and provide the necessary back up facilities for Pathology services in Health Centres;

(iii) Responsibility for discipline and practice within the Department and accountability for the enforcement of discipline of the staff under his/her charge;

(iv) Responsibility for ensuring a comprehensive pathology service to include all major areas of pathology and its sub-specialities as well as for making arrangements for tests to be carried overseas if these are not available within the Department of Pathology;

(v) Advise to the Health Division on service developments in Pathology, drawing up of appropriate policies in connection with his/her Department and updating of these as necessary for approval by the hospital authorities, and ensuring that the approved policies are complied with;

(vi) Establishment of appropriate mechanism to ensure quality of services and medical audit;

(vii) Assurance that the highest level possible of patient care is delivered with special attention to appropriateness, timeliness, and continuity (including continuity through well maintained and easily followable pathology tests and timely reporting);

(viii) Proposti dwar l-Iżvilupp tas-*subspecialities* fil-Patoloġija u ssegwi l-progress tal-*policies* approvati f'dan ir-rigward;

(ix) Konsultazzjoni mal-Konsulenti ta' l-Isptar San Luqa, ta' l-Isptar Ġenerali f'Għawdex u ta' kull sptar ieħor tal-Gvern;

(x) Trattament ta' lmenti dwar id-Dipartiment tagħha skond il-proċedura applikabbli għad-Diviżjoni tas-Saħħa b'mod ġenerali u għall-isptarijiet b'mod partikolari;

(xi) Assigurazzjoni ta' l-implimentazzjoni ta' programmi kontinwi ta' taħriġ u edukazzjoni għall-impjegati tad-Dipartiment tagħha, inkluż l-organizzazzjoni ta' laqgħat kliniċi u programmi ta' taħriġ fil-Patoloġija għall-*undergraduates* u *postgraduates* kif ukoll għall-impjegati paramediċi fid-Dipartiment;

(xii) Kollaborazzjoni mal-Kap tad-Dipartiment tal-Patoloġija fl-Università ta' Malta biex jiġi pprovdut il-materjal meħtieġ għat-tagħlim ta' studenti fil-Fakultà tal-Mediċina u l-Kirurġija, tad-Dentistrija, fl-Istitut tal-Kura tas-Saħħa, u biex it-tagħlim ta' l-istudenti ta' qabel u wara l-gradwazzjoni jiġi ffaċilitat b'kull mod possibbli;

(xiii) Tħejjija ta' *Business Plans* għad-Dipartiment tagħha u tassigura l-implimentazzjoni tagħhom, inkluż l-użu xieraq ta' riżorsi umani u riżorsi oħra li għandha għad-dispożizzjoni tagħha;

(xiv) Attendenza fuq Bordijiet u kumitati kif tkun imqabbda mill-awtoritajiet kompetenti, inkluż *Boards* u kumitati mediċi, ta' għażla, ta' investigazzjoni u dawk li jagħtu parir;

(xv) Tħejjija ta' rapport kull sena fuq ix-xogħol tad-dipartiment tagħha;

(xvi) Użu mis-sistemi tat-Teknoloġija ta' l-Informatika li jkunu qed jintużaw fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

7. L-applikanti għandhom:

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

JEW

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE);

(viii) Proposals for the development of subspecialities in Pathology and monitoring of progress in respect of approved policies in this respect;

(ix) Liaison with Consultant Staff at St.Luke's Hospital, Gozo General Hospital and any other Government Hospital;

(x) Dealing with complaints pertaining to his/her Department in accordance with procedures applicable to the Health Division in general and to the hospitals in particular;

(xi) Implementation of a continuing training and education programme in respect of the staff of his/her Department, including the organisation of clinical meetings and teaching programmes in Pathology for medical undergraduates and postgraduates as well as paramedical staff in the department;

(xii) Collaboration with the Head, Department of Pathology, University of Malta to provide the necessary material for teaching students within the Faculty of Medicine and Surgery, Dentistry, Institute of Health Care, and in every way to facilitate undergraduate and post-graduate teaching;

(xiii) Drawing up of Business Plans for his/her department and ensuring their implementation, including the appropriate use of human and other resources at hisċher disposal;

(xiv) Sitting on such Boards and Committees as may be indicated or requested by the competent authorities, including Boards and Committees of a medical, selective, investigative or advisory nature;

(xv) Preparation of an annual report on the workings of his/her department.

(xvi) Making use of the Information Technology systems which may be in operation within the Health Division.

7. Applicants must:-

a) (i) be citizens of Malta;

OR

(ii) citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

JEW

(iv) il-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates,* Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

Il-hatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija suġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

ċ) ikollhom Liċenza biex jipprattikaw il-professjoni Medika f'Malta;

d) JEW

(i) ikollhom nomina ta' *Consultant* fl-ispeċjalità fis-Servizz Pubbliku ta' Malta;

JEW

(ii) ikollhom kwalifika ogħla ta' wara l-gradwazzjoni fil-Patoloġija (MRCPath jew kwalifika oħra komparabbli xierqa);

e) ikollhom mill-anqas seba' snin esperjenza fil-Patoloġija wara li jkunu kisbu l-kwalifika ogħla ta' wara l-gradwazzjoni msemmija hawn fuq;

f) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form (GP 47)*, filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern ta' Malta qabel u jagħtu d-dettalji).

8.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbilità għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil minn-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

8.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu

OR

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

c) be in possession of a Licence to practise the medical profession in Malta;

d) EITHER

(i) hold a Consultant post in the speciality in the Malta Public Service

OR

(ii) be in possession of a higher postgraduate qualification in Pathology (e.g. MRCPath or an approved appropriate comparable qualification);

e) have at least seven years experience in Pathology following the attainment of the higher postgraduate qualification mentioned above;

f) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); Those applying from outside the Malta Public Service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Malta Government Service giving details).

8.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

8.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant

msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbilità u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Diviżjoni tas-Saħħa u tkun ikkupjata lill-KNPD.

9.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

9.2 Hija r-responabbiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/Istituzzjonijiet terzjarji, li juru rapport ta' evalwazzjoni dwar il-komparabilità ta' kwalifiki maħruġ mill-*Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC)* fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impjieg. Kopja ta' din l-evalwazzjoni tal-MQRIC jew l-awtorità nominata f'każ ta' ħruġ ta' *warrants*, trid tintbagħat ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx dan ir-rapport, ikunu jistgħu japplikaw iżda jridu jibagħtu kopja tar-rapport lid-dipartiment riċeventi kif ikun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, aktar tard minn xahar mid-data ta' l-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

10.1. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

10.2. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tar-riżultat.

11. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li hi adatta għal dan il-post.

12. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

jew jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Saħħa, Taqsima ta' l-Impjegati, 6, Sqaq Harper, Floriana.

13. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* u l-ismijiet ta' żewġ *referees* jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Ġenerali, Diviżjoni tas-Saħħa, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, is-16 ta' Ġunju 2006.

14. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar ta' nhar il-

documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Health Division and copied to the NCPD.

9.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

9.2 It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universitiesċtertiary education institutions, to produce an evaluation report on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Youth and Employment. A copy of the said report issued by the MQRIC, or the designated authority in case of warrants, should be attached to the application, with the original presented at the interview. Candidates not in possession of this report may still apply, provided that they submit a copy of the report to the receiving department as soon as it becomes available and in any case by not later than one month from the closing date of the call for applications;

10.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

10.2. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of the result.

11. The applicant selected for appointment will be medically examined to ascertain that he/she is fit for the post.

12. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

or obtained from the Health Division, Personnel Section, 6, Harper Lane, Floriana.

13. The prescribed application forms together with a curriculum vitae and the names of two referees will be received in the first instance by the Director General, Health Division, 15, Merchants Streets, Valletta, by not later than noon of Friday, 16th June 2006.

14. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon of Friday, 16th June 2006

Ġimgha, 16 ta' Ġunju 2006 jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgha wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi hu +356-21242884.

15. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Diviżjoni. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni bizzejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Divizjoni tas-Saħħa tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

It-23 ta' Mejju, 2006

may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Division is +356 - 21242884.

15. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven days.

23rd May, 2006

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Postijiet ta' Inġinier *Junior* jew Inġinier fid-Dipartiment għall-Bini u l-Inġinerija tat-Taqsima tax-Xogħlijiet, Ministeru għar-Riżorsi u l-Infrastruttura

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet biex jimtlew ta' żewġ postijiet ta' Inġinier *Junior* jew Inġinier fid-Dipartiment għall-Bini u l-Inġinerija tat-Taqsima tax-Xogħlijiet, Ministeru għar-Riżorsi u l-Infrastruttura. Jeżiżtu vakanzi kemm għal Inġinier *Junior* jew Inġinier (Inġinerija Elettrika), kif ukoll għal Inġinier *Junior* jew Inġinier (Inġinerija Mekkanika).

2. Il-post ta' Inġinier għandu salarju ta' Lm5,930 fis-sena li jitla' b'żidiet fis-sena ta' Lm192 sa massimu ta' Lm7,082 (Skala ta' Salarju 9).

2.2. Suġġett għal servizz sodisfaċenti, persuna fil-grad ta' Inġinier fi Skala 9 titla' għal Skala 8 (Lm6,306 x 209 – Lm7,560) wara sentejn Servizz fil-grad u għal Skala 7 (Lm6,713 x 228 – Lm8,081) wara għaxar snin prattika professjonali ppruvata (jew tmien snin prattika wara li tkun kisbet il-*warrant*). Il-perjodu biex persuna titla' minn Skala 8 għal Skala 7 jitnaqqas b'sentejn fil-każ ta' Inġiniera li jkollhom kwalifika ta' wara l-gradwazzjoni approvata.

3.1 Il-ħatra, li hija bi prova għal sena, hija fuq bażi *full-time* u taqa' taħt ir-regoli u r-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta b'mod ġenerali u t-Taqsima tax-Xogħlijiet b'mod partikolari. Il-persuna maħtura tista' tkun trasferita skond il-ħtiġiet tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

3.2. Il-persuna nominata tkun intitolata għal xi benefiċċji oħra u suġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li huma mniżżlin fi kwalunkwe ftehim relevanti li japplika bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Posts of Junior Engineer/Engineer in the Building and Engineering Department of the Works Division, Ministry for Resources and Infrastructure

The Public Service Commission invites applications for the filling of posts of Junior Engineer/Engineer in the Building and Engineering Department of the Works Division, Ministry for Resources and Infrastructure. Vacancies exist for both Junior Engineer/ Engineer (Electrical) and Junior Engineer/Engineer (Mechanical).

2.1 The post of Engineer carries a salary of Lm 5,930 per annum, rising by annual increments of Lm 192 up to a maximum of Lm 7,082. (Scale 9).

2.2 Subject to satisfactory performance, an Engineer in Scale 9 will proceed to Scale 8 Lm 6,306 x 209 – Lm 7,560) on completion of two years service in the grade and to Scale 7 (6,713 x 228 – Lm 8,081) on completion of ten years of proven professional practice, (or eight years practice after obtaining warrant), provided that the qualifying period for progression from Scales 8 to 7 is reduced by two years in the case of Engineers in possession of an approved post graduate qualification.

3.1 The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full-time basis and is subject to the rules and regulations governing from time to time the Malta Public Service in general and the Works Division in particular and involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

3.2 The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

4. Il-persuna nominata tiħalla teżerċita l-professjoni tagħha privatament kemm-il darba:

a) dan isir strettament barra mill-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol tagħha; u

b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċjali tagħha jew l-esiġenzi tas-servizz.

5. Il-persuna nominata tista' tkun meħtieġa li taħdem fuq bażi ta' *roster* li jinkludu xogħol nhar ta' Ħadd.

6.1 Id-dmirijiet ta' Inġinier *Junior* jew Inġinier (Inġinerija Elettrika) fid-Dipartiment għall-Bini u l-Inġinerija jinkludu:

Ko-ordinazzjoni u disinjar dettaljat ta' abbozzi ta' speċifikazzjonijiet għal kull xogħol ta' natura ta' inġinerija elettrika;

Iċċekkjar ta' *design standards*, jiżgura l-applikazzjoni tagħhom fil-*unit*/sezzjoni u jirrevedi u jiċċekkja kemm huma adatti fil-prattika;

Jagħmel żjarat fuq il-lantijiet biex jgħin fi problemi rigward *design standards* tal-proġett u jispezzjona l-istallazzjonijiet; u

Xogħlijiet oħra barra dawk imsemmija hawn fuq ta' natura konsultattiva.

6.2 Id-dmirijiet ta' Inġinier *Junior* jew Inġinier (Inġinerija Mekkanika) fid-Dipartiment għall-Bini u l-Inġinerija jinkludu:

Ko-ordinazzjoni u disinjar dettaljat ta' abbozzi ta' speċifikazzjonijiet għal kull xogħol ta' natura ta' inġinerija mekkanika;

Iċċekkjar ta' *design standards*, jiżgura l-applikazzjoni tagħhom fil-*unit*/sezzjoni u jirrevedi u jiċċekkja kemm huma adatti fil-prattika;

Jagħmel żjarat fuq il-lantijiet biex jgħin fi problemi rigward *design standards* tal-proġett u jispezzjona l-istallazjonijiet; u

Xogħlijiet oħra barra dawk imsemmija hawn fuq ta' natura konsultattiva.

7. L-applikanti għandhom:

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

4. The appointee will be allowed to undertake private practice of his/her profession provided that:

a) it is carried out strictly outside official hours of work; and

b) it does not interfere or conflict with his/her official duties or with the exigencies of the service.

5. The appointee may be required to perform duties on roster basis which will include Sunday attendance.

6.1 The main duties of a Junior Engineer/Engineer (Electrical) in the Building and Engineering Department of the Works Division include:

Co-ordinating and carrying out all detailed design and draft specifications for all works of an electrical engineering nature;

Monitoring design standards, ensuring their application throughout the unit/section and reviewing and monitoring their suitability in practice;

Carrying out site visits to assist with any problems concerning design standards of the finished project and supervising installations; and

Works other than the above of a consultancy nature.

6.2 The main duties of a Junior Engineer/Engineer (Mechanical) in the Building and Engineering Department of the Works Division include:

Co-ordinating and carrying out all detailed design and draft specifications for all works of a mechanical engineering nature;

Monitoring design standards, ensuring their application throughout the unit/section and reviewing and monitoring their suitability in practice;

Carrying out site visits to assist with any problems concerning design standards of the finished project and supervising installations; and

Works other than the above of a consultancy nature.

7. Applicants must:

a) (i) be citizens of Malta;

OR

(ii) citizens of another European Union Member State;

JEW

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikawid-dispożizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE);

OR

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

JEW

(iv) il-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates,* Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

OR

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iv) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs.

Il-ħatra tal-kandidati imsemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija suġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

ċ) ikunu gradwati minn Università rikonoxxuta fl-Inġinerija Mekkanika jew Elettrika jew li għandhom l-approvazzjoni ta' Università rikonoxxuta li kwalifikaw għal din id-*degree*;

c) be in possession of a recognized University degree in Mechanical or Electrical Engineering or have been approved by a recognized University for the award of that degree;

d) ikollhom *warrant* biex jipprattikaw il-professjoni ta' l-Inġinier f'Malta;

d) be in possession of a warrant to practice as an Engineer in Malta;

e) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta għandhom jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP47); l-applikanti l-oħra għandhom jippreżentaw Ċertifikat riċenti tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux iżjed minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, kif ukoll jgħidu jekk qatt kinux jaħdmu mal-Gvern ta' Malta, u jagħtu dettalji).

e) be of good moral character (applicants already in the Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); those applying from outside the Malta Public Service must produce a certificate of conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Malta Government Service, giving details).

8.1. Applikazzjonijiet jintlaqgħu ukoll mingħand dawk l-individwi li jissodisfaw il-kundizzjonijiet imsemmija f'paragrafi 7 (a), (b), (ċ) u (e) hawn fuq, iżda li għad m'għandhomx il-*warrant* sabiex jipprattikaw il-professjoni ta' Inġinier (Mekkaniku) jew (Elettriku). Persuna magħżula taħt din il-klawsola tieħu l-ħatra ta' *Junior Engineer*, u tirċievi s-salarju ta' Lm5,590 x 175 – Lm6,640 (Skala ta' Salarju 10).

8.1 Applications will also be received from persons who satisfy the requirements stated in paragraphs 7(a), (b), (c) and (e) but have not received the warrant to practise as Mechanical or Electrical Engineer. A candidate selected under this subsection will be appointed Junior Engineer with a salary scale 10 (Lm 5,590 x 175 – Lm 6,640).

8.2. Hekk kif iġġib il-*warrant*, persuna fil-grad ta' *Junior Engineer*, sakemm twettaq b'mod sodisfaċenti dmirijietha, tkun eliġibbli għal promozzjoni ta' Inġinier fuq l-iskala msemmija f'paragrafu 2.

8.2 On obtaining the said warrant to practise as an Engineer and subject to satisfactory performance, a Junior Engineer will become eligible for promotion to Engineer with a salary as given in paragraph 2.

8.3. Applikazzjonijiet taħt dan il-paragrafu jiġu kkunsidrati biss jekk ma jkunx hemm biz-zejjed applikanti taħt paragrafu 7 (d).

9. L-applikanti, kemm dawk li japplikaw skond paragrafu 7 u kemm dawk li japplikaw skond paragrafu 8.1, għandhom jindikaw ċar għal liema qasam, jiġifieri Inġinerija Mekkanika jew Inġinerija Elettrika qegħdin japplikaw.

10.1 Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), għanke jekk ma' jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbilità għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil minnaħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

10.2 Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbilità u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Diviżjoni riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNPD.

11. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

11.1 Hija r-responsabbiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/Istituzzjonijiet terzjarji, li juru rapport ta' evalwazzjoni dwar il-komparabilità ta' kwalifiki maħruġ mill-*Malta Qualifications Recognition Information Centre* (MQRIC) fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impjieg. Kopja ta' din l-evalwazzjoni tal-MQRIC jew l-awtorità nominata f'każ ta' ħruġ ta' *warrants*, trid tintbagħat ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx dan ir-rapport, ikunu jistgħu japplikaw iżda jridu jibgħatu kopja tar-rapport lid-dipartiment riċeventi kif ikun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, aktar tard minn xahar mid-data ta' l-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

12.1 L-applikanti eliġibbli jkunu jridu joqogħdu għal intervista' minn Bord ta' l-Għażla biex jiġi aċċertat li huma adatti għal dan il-post.

12.2 Ir-riżultat ta' l-intervisti jiġi ppubblikat mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u jiġi esebit fuq in-

8.3 Applications under this paragraph will only be considered if there are not enough suitable applications under paragraph 7 (d).

9. Persons submitting their applications in terms of paragraph 7 or paragraph 8.1, must clearly indicate for which field, i.e. Electrical or Mechanical, they are applying.

10.1 Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

10.2 Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Division and copied to the NCPD.

11. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applicationsġ originals to be produced for verification at the interview).

11.1 It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce an evaluation report on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Youth and Employment. A copy of the said report issued by the MQRIC, or the designated authority in case of warrants, should be attached to the application, with the original presented at the interview. Candidates not in possession of this report may still apply, provided that they submit a copy of the report to the receiving department as soon as it becomes available and in any case by not later than one month from the closing date of the call for applications.

12.1 Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

12.2 The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice board

notice-board ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-Diviżjoni tax-Xogħlijiet.

12.3 Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultati jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq http://www.psc.gov.mt. Joħroġ ukoll avviż fil-*media* kollha.

12.4 Oġġezzjonijiet għar-riżultati skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

13. Applikanti magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adatti għal dan il-post.

14. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

jew jinġabru mis-Sezzjoni għar-Riżorsi Umani, Taqsima tax-Xogħlijiet, Blokk 'A', Floriana.

15. L-applikazzjonijiet jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Ġenerali, Diviżjoni tax-Xogħlijiet, Sezzjoni għar-Riżorsi Umani, Taqsima tax-Xoghlijiet, Blokk 'A', Floriana, sa mhux aktar tard min-nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 16 ta' Ġunju 2006.

16. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 16 ta' Ġunju 2006 jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. (In-numru tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi hu (+356) – 21245593)

17. (a) Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal b'idejn fl-Uffiċċju tad-Direttur Ġenerali, Diviżjoni tax-Xogħlijiet.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi sad-data ta' l-għeluq. Id-Direttur Ġenerali, Diviżjoni tax-Xogħlijiet jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

It-23 ta' Mejju, 2006

of the Office of the Public Service Commission and that of the Works Division.

12.3 A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the Public Service Commission where it may be accessed at http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organisations.

12.4 Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the notice in the Government Gazette.

13. Applicants selected for appointment will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

14. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

or obtained from the Human Resources Branch, Works Division, Block 'A' Floriana.

15. The prescribed application forms will be received in the first instance by the Director General, Works Division, Human Resources Branch, Block 'A' Floriana, by not later than noon of Friday, 16th June 2006.

16. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon of Friday, 16th June 2006 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application, duly signed by the applicant, must reach the Works Division by not later than one week after the closing date, together with an explanation for the delay. (The fax number of the receiving Division is 00356 - 21245593)

17. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Director General (Works Division) and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Director General (Works Division) within seven (7) days.

23rd May, 2006

EUROPEAN UNION

Posts as Temporary Agents with EUROJUST

The European Personnel Selection Office, EPSO, has published two vacancy notices in its Non-Permanent Posts Section at http://europa.eu.int/epso/temp-staff_en.htm on behalf of EUROJUST, for the recruitment in the following positions as Temporary Agents:

1. Ref: 06/EJ/92 – Secretary to Eurojust (Slovak Desk) (Grade AST1) - Temporary Agent - Closing Date 31 May 2006

2. Ref: 06/EJ/91 - Assistant to the College Teams (Grade AST 3) - Temporary Agent - Closing Date 2 June 2006

The successful applicants will be appointed as members of the temporary staff pursuant to Article 2 (a) of the Conditions of employment of other servants of the European Communities. The contract for vacancy No. 1 is for a period of 3 years and that for vacancy No. 2 is for a period of 5 years. Both contracts may be renewed.

Eurojust is a European Union body established in 2002 to enhance the effectiveness of the competent authorities within Member States when they are dealing with serious cross-border and organised crime. Eurojust stimulates and improves the coordination of investigations and prosecutions and also supports the Member States in order to render their investigations and prosecutions more effective.

Interested persons are requested to use the prescribed application form provided by EUROJUST on its website at http://www.eurojust.eu.int under "Recruitment"/"Application Forms", and follow the instructions there.

Further information on contractual conditions of employment, on duties, on qualifications and other eligibility requirements, and on the method of application, may be found on the EUROJUST website or through the above EPSO website. Applications are to be sent by registered mail (the postmark serving as proof) to:

EUROJUST
